MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2009

Avviz Numru. 93/2005

**Fogg Insurance Agencies Limited (C-597) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Norwich Union International Insurance Limited**

**vs**

**“Malta Football Association”, Franco Azzopardi u “Alliance Malta Limited”**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat il-21 ta’ Frar tas-sena 2005, li permezz tieghu s-socjeta` attrici nomine sejhet lill-konvenuti fuq indikati quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m’ghandhomx ikunu kkundannati prevja kull dikjarazzjoni ta’ responsabbilita` skond il-ligi:

1. Illi jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' elfejn disa' mija u sebgha Liri Maltin u tmienja u ghoxrin centemzu (LM2,907.28,0), dovuti:-

(a) in kwantu ghall-ammont ta' elfejn tlett mija u hmistax-il Lira Maltfin u disa' centezmi, (LM2,315.09,0), in linea ta' bilanc ta' *premium* in konnessjoni ma' polza tat-tip "*Group Personal Accident"* ; u

(b) in kwantu ghall-ammont ta' hames mija u tnejn u disghin Lira Maltin u dsatax-il centezmu (LM592.19,0) in linea ta' bilanc ta' *premium* fuq polza tat-tip "*Public Liability*";

2. Illi l-poloz gew mahruga mis-socjeta` attrici flimkien ma' terzi, lill-konvenuta "Malta Football Association", tramite l-intervent tal-konvenut Franco Azzopardi fiz-zmien meta dan kien jaqdi funzjonijiet mas-socjeta` konvenuta "Alliance Malta Limited" , liema hlasijiet, debitament dovuti baqghu ma sarux minkejja diversi interpellazzjonijiet maghmula lill-konvenuti;

3. Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-21 ta' Gunju tas-sena 2004 u tal-mandati kawtelatorji li qed jigu pprezentati kontestwalment ma' dan l-att u bl-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-imsemmija ittra ufficjali tal-21 ta' Gunju tas-sena 2004, sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenuti li jibqghu ngunti ghas-subizzjoni;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Franco Azzopardi datata l-4 ta' Lulju tas-sena 2005, li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:

1. Illi l-eccipjenti m'huwiex il-legittimu kontradittur u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza ta' dan il-gudizzju stante li huwa ma agixxa qatt f'ismu proprju izda dejjem ghan-nom ta' "Alliance Malta Limited";

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess l-eccipjenti m'ghandu jaghti ebda ammont lis-socjeta` attrici;

3. Salvi eccezzjonijiet ohra;

4. Bl-ispejjez.

Rat in-nota ta' l-eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta "Alliance Malta Limited", (C-2596), datata wkoll l-4 ta' Lulju tas-sena 2005, li permezz taghha ecceppiet is-segwenti:

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bhala kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u dan in vista tal-fatt illi s-socjeta` konvenuta qatt ma rceviet il-hlas tal-premia ta' poloz mahruga lill-assocjazzjoni konvenuta "Malta Football Association";

2. Illi, in oltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta` konvenuta m'ghandhiex tinzamm responsabbli ghall-hlas ta' "premia" dovuti mill-assocjazzjoni konvenuta u dan in vista tal-fatt illi s-socjeta` "Alliance Malta Limited" kienet debitament tinforma lis-socjeta` attrici bl-inadempjenza ta' l-Assocjazzjoni;

3. Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` attrici;

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Tirrilleva li ghalkemm l-assocjazzjoni konvenuta kellha kull opportunita` biex tipprosegwixxi l-kawza taghha skond il-ligi, (ara fol 8), jirrizulta li baqghet kontumaci nonostante t-terminu hemm prefissat;

Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti;’

1. Illi s-socjeta` attrici nomine kienet tassikura lill-assocjazzjoni konvenuta kemm taht polza ta’ “Personal Accident” kif ukoll taht polza ta’ “Public Liability”;

2. Illi dawn il-poloz kienu ghall-perjodu ta’ sena u kienu jibdew mill-1 ta’ Frar tas-sena 2003, u mill-10 ta’ Lulju tas-sena 2002 rispettivament;

3. Illi dawn iz-zewg poloz kienu gew istruwiti favur l-assocjazzjoni fuq talba tas-socjeta` “Alliance Malta Limited” kif kienet debitament inkarigata mill-assocjazzjoni de quo;

4. Illi l-assocjazzjoni nvoluta qatt ma hallset ghall-perjodi fuq indikati nonostante diversi interpellazzjonijiet;

5. Illi effettivament il-polza rigwardanti l-“*Personal Accident*” giet susegwentement kancellata wara perjodu ta’ tlett (3) xhur f’din il-procedura, u s-socjeta` attrici nomine qieghda ghalhekk biss tippretendi l-pagament relattiv ghal dan l-istess perjodu fuq indikat li fih inzammet hajja l-polza fuq riferita;

6. Illi fir-rigward tal-polza rigwardanti “*Public Liability”,* stante li l-perjodu ta’ sena pattwit lahaq ghadda, is-socjeta`attrici qed tippretendi biss l-ekwivalenti ghas-sehem taghha fir-rigward, (ara fol 34);

7. Illi l-ammonti kif mitluba mis-socjeta` attrici nomine jirrizultaw debitament assodati u din il-qorti m’ghandha xejn x’tissottolinea f’dan ir-rigward hlief li

m'ghandhiex ragunijiet ghalfejn tiddisturba l-analizi matematiku ta' l-istess socjeta`, (ara fol 243);

8. Illi nonostante diversi interpellazzjonijiet ghall-pagament tal-"*premia*" dovuti, is-socjeta` attrici nomine kienet kostretta tipprocedi b'din il-procedura;

Ikkunsidrat:

Illi skond il-konvenut Azzopardi jirrizulta sintetikament is-segwenti:

1. Illi hu azzjonista "*managing director*" fis-socjeta` konvenuta "Alliance Malta Limited", liema socjeta` kienet il- "*broker*" ta' l-assocjazzjoni konvenuta nvoluta, u dan, mill-formazzjoni ta' l-istess socjeta` fis-sena 2001 sa l-10 ta' Novembru tas-sena 2003;

2. Illi l-istess konvenut, bhala intermedjarju effettiv, kien jikkonduci d-diskussjonijiet rigwardanti l-poloz de quo kemm mal-president ta' l-assocjazzjoni de quo, kif ukoll ma rapprezentanti tas-socjetajiet assiguratrici involuti, fosthom dik attrici nomine;

3. Illi l-istess konvenut Azzopardi dejjem agixxa f'isem is-socjeta` assiguratrici konvenuta u meta kkonkluda l-poloz assigurattivi in dizamina mas-socjeta` attrici nomine, jirrizulta li dejjem mexa fuq struzzjonijiet preventivament lilu moghtija f'din il-kapacita` mill-president ta' l-assocjazzjoni konvenuta;

4. Illi l-ammonti kif mitluba mis-socjeta` attrici jirrizulta li ma gewx debitament imhallsa mill-assocjazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi s-sitwazzjoni rigwardanti s-socjeta` konvenuta tirrispekkja dik tal-konvenut;

Illi effettivament din is-socjeta` konvenuta kienet isservi ta' intermedjarja bejn l-assocjazzjoni konvenuta u d-diversi socjetajiet assigurattrici fosthom dik attrici nomine;
Illi r-rizultanzi riskontrati jikkombacu mal-versjoni moghtija mir-rapprezentant tas-socjeta` attrici nomine, u din il-qorti m'ghandha xejn x'tirrileva fir-rigward;

Ikkunsidrat:

Illi in vista tal-premess thoss li l-ammont kif mitlub mis-socjeta` attrici nomine gie debitament ipprovat skond il-ligi;

Ghaldaqstant filwaqt li takkolji l-eccezzjonijiet rispettivament sollevati mill-konvenut Franco Azzopardi u mis-socjeta` konvenuta "Alliance Malta Limited", takkolji wkoll it-talbiet tas-socjeta` attrici nomine "Fogg Insurance Agencies Limited" u konsegwentement:

1. Tiddikjara li l-assocjazzjoni lokali "Malta Football Association" hi responsabbli ghall-hlas lis-socjeta` attrici nomine fuq indikata ta' l-ammont ta' elfejn disa' mija u seba' Liri Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (LM2,907.28,0), ekwivalenti ghal sitt elef seba' mija u tnejn u sebghin Ewro u erbatax-il centezmu (€6772.14), kif indikati fl-avviz promotur;

2. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali dovuti mill-istess imsemmija assocjazzjoni mid-data ta' l-ittra ufficjali riferita fl-istess avviz;

3. In vista tal-premess, tillibera lill-konvenut Franco Azzopardi u lis-socjeta` konvenuta "Alliance Malta Limited" mill-osservanza tal-gudizzju.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------